**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 21 ta' April 2016**

Numru: 10

**Rikors Nru. 242/2016**

**L-Avukat Dottor Jotham Scerri Diacono bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tal-Bank esteru ING Bank N.V. ta' Bijlmerplein, 888, MG Amsterdam Zuidoost 1102, fir-Renju tal-Olanda**

**vs**

**Il-bastiment "ANAGENISI"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tat-28 ta' Marzu 2016 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta Maltija Damsterdiep Shipping Company Ltd hija debitrici u ghandha taghti lill-Bank rikorrent is-somma komplessiva ta' zewg miljuni, disgha mija tmienja u tmenin elf, tmien mija u tnax-il ewro u tmienja u sittin centezmi (€2,988,812.68), liema ammont jinkludi imghax sas-sittax (16) ta' Marzu sena elfejn u sittax (2016), salv spejjez u imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv: u dan kif jirrizulta mir-rendikont mahrug mil-bank rikorrent, hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument B';

2. Illi l-imsemmi dejn ta' €2,988,812.68 illi huwa dovut mis-socjeta Maltija Damsterdiep Shipping Company Ltd lill-Bank rikorrent huwa secured ossija iggarantit jew ikkawtelat permezz ta' mortgage cioe ipoteka navali irregistrat a favur il-Bank rikorrent fuq il-bastiment Malti 'ANAGENISI' bin-numru ta' registrazzjoni IMO9210701, kopja ta' liema mortgage ufficjalment awtentikat mir-Registrar of Ships qed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument C'. L-imsemmi bastiment intimat huwa proprjeta tal-istess socjeta Damsterdiep Shipping Company Ltd u dan kif anke

jirrizulta mit-transcript datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena kurrenti (2016) ufficjalment mahrug mir-Registratur tal-Bastiment Malti li qed jigi hawn anness u immarkat bhala 'Dokument D';

3. Illi l-imsemmi dejn dovut lill-Bank rikorrent huwa irregolat bi credit agreement (deskritt ukoll fid-dokumentazzjoni relattiva bhala Facility Agreement) datat tmienja (8) ta' Jannar sena elfejn u sebgha (2007) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument E'), liema agreement gie emendat bi ftehim sussegwenti datat tlettax (13) ta' Gunju sena elfejn u tlettax (2013) maghmul bejn l-istess Bank rikorrent u l-istess socjeta Damsterdiep Shipping Company Ltd (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument F'). B'referenza ghall-imsemmi mortgage rregistrat fuq il-bastiment intimat, hemm deed of covenants datat ghoxrin (20) ta' Gunju sena elfejn u tlettax (2013) maghmul bejn l-istess socjeta Damsterdiep Shipping Company Ltd u l-istess Bank rikorrent (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument G');

4. Illi s-socjeta Damsterdiep Shipping Company Ltd waqfet hesrem milli thallas l-pagamenti kollha dovuti minnha skond l-imsemmija kuntratti u ghaldaqstant tirrikorri wahda mill-Events of Defaults ai termini tal-imsemmi deed of covenants u specifikament il-klawzola dwar non-payment u cioe klawsola 9.1.1;

5. Illi fl-erbatax (14) ta' Ottubru sena elfejn u erbatax (2014) is-socjeta Damsterdiep Shipping Company Ltd giet formalment notifikata mill-Bank rikorrent b'Notice of Default fejn, wara li gie spjegat lilha illi kien hemm inadempjenza taht il-fuq imsemmija kuntratti, intalbet tirregolarizza l-pozizzjoni taghha u tonora l-obbligi kuntrattwali taghha, u dan kif spjegat ahjar fl-istess Notice of Default (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument H');

6. Illi nonostante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha, is-socjeta debitrici Damsterdiep Shipping Company Ltd baqghet inadempjenti;

7. Illi ghalhekk fis-sittax (16) ta' Lulju, sena elfejn u hmistax (2015) il-Bank rikorrent pprezenta fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti ittra ufficjali (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument I') kontra l-bastiment ANAGENISI u s-sid tieghu sabiex il-"mortgage" ossia ipoteka navali issir ezegwibbli ai termini tal-artikolu 253 et sequitur ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz tal-imsemmija ittra ufficjali, il-Bank rikorrent rega' talab ufficjaliment lill-bastiment intimat u lis-socjeta Damsterdiep Shipping Company Ltd sabiex jithallas id-dejn illi kien dovut lill-bank sa dakinhar tal-prezentata tal-istess ittra ufficcjali;

8. Illi minkejja li l-imsemmija ittra ufficjali giet debitament innotifikata kemm lill-bastiment intimat u anke lis-socjeta propjetarja tal-istess bastiment Damsterdiep Shipping Company Ltd it-tnejn li huma fis-sbatax (17) ta Lulju sena elfejn u hmistasx (2015) (‘Dokument I'), id-dejn dovut lill-bank rikorrent xorta wahda baqa' ma thallax. Stante l-inadempjenza u billi l-ammont dovut lill-bank rikorrent huwa cert, likwidu u dovut, il-mortgage ossija l-ipoteka navali irregistrat fuq il-bastiment ANAGENISI, in kwantu huwa titolu ezekuttiv a favur tal-bank rikorrent, gie rez ezegwibbli ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12;

9. Illi prezentament il-bastiment ANAGENISI jinsab maqbud f'din il-gurisdizzjoni permezz tal-mandat ta' arrest numru 1031/15 gewwa Dock numru 7, Albert Town, Marsa u jinsab hemmhekk sal-lum;

10. Illi huwa fl-interess tal-bank rikorrent u anke tal-kredituri kollha illi ghandhom xi forma ta' pretensjoni fuq il-bastiment intimat illi dan jinbiegh sabiex inter alia ma jkomplux jakkumulaw l-ispejjez fuq l-istess bastiment u in vista tal-fatt illi kull ma jmur l-istat tal-bastiment sejjer ikompli jiddeterjora u allura l-valur tieghu dejjem qed jonqos. Ghalhekk il-bank rikorrent, in vista ta' dejn sostanzjali dovut lilu u anke in vista tal-fatt illi jgawdi minn mortgage fuq l-istess bastiment, ha l-briga hu sabiex jara jekk jista' jsib xerrej interessat jixtri l-bastiment intimat. Il-Bank rikorrent irnexxielu jsib xerrej lest jixtri l-istess bastiment u din hija s-socjeta Medway Marine Ltd tal-Marshall Islands. Fit-tmienja (8) ta' Marzu sena elfejn u sittax (2016), sar ftehem ossija Memorandum of Agreement mal-istess xerrej dwar l-istess bastiment kif sejjer jigi spejgat izjed il-quddiem f'dan ir-rikors;

11. Illi l-bank rikorrent jixtieq, ai termini ta' artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima 1, Titolu VII sub-titolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili 'Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghal-vapuri, bastimenti u ingenji ohra’, jezegwixxi u jenforza l-imsemmi mortgage illi ghandu favurih irregistrat fuq il-bastiment de quo in kwantu tali mortgage huwa titolu ezekuttiv illi huwa rez ezegwibbli. B'dan l-ghan, il-bank rikorrent jixtieq li dina l-Onorabbli Qorti tapprova l-bejgh privat tal-istess bastiment ANAGENISI. Infatti, l-art. 358 jipprovdi inter alia illi:
"din l-Onorabbli Qorti fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekuttiv ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat u bil-hlas ta' prezz determinat.";

12. Illi allura, ai termini ta' artikolu 359, ir-rikorrent noe qieghed jipprezenta ma' dan l-istess rikors diversi stimi (ta' stimaturi indipendenti u ta' fama internazzjonali) b'indikazzjoni tal-valur fis-suq prezenti u attwali tal-bastiment ANAGENISI. It-tlett stimaturi illi avvicina l-bank rikorrent huma:
i. L-Ing. Paul L. Cardona u l-Ing. Marcelo M. Chiazzaro, li taw stima kurrenti ta' miljun dollaru Amerikan (US$1,000,000) ekwivalenti f'ewro ghal madwar tmien mija tlieta u disghin elf, seba' mija sebgha u erbghin euro (€893,774) kopja ta' liema stima qeghda hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument J';

ii. Is-socjeta Intershitra S&P li tat stima ta' miljun u mitt elf dollaru Amerikan (US$1,100,000) ekwivalenti f'ewro ghal madwar disa' mija tlieta u tmenin elf, mija tnejn u hamsin ewro (€983,152) kopja ta' liema stima qeghda hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument K';

iii. Is-socjeta Ing. Sergey Kuzmenko ta stima kurrenti ta' dollari Amerikani disa' mija u hamsin elf (US$950,000) ekwivalenti f'ewro ghal madwar tmien mija u hamsin elf mija disgha u erbghin euro (€850,149) kopja ta' liema stima qeghda hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument L';

13. Illi f'tentattiv sabiex jinstab l-ahjar prezz ghall-bastiment de quo, il-Bank rikorrent ha diversi passi sabiex l-bastiment intimat jinbiegh ghall-ahjar prezz possibbli: vide l-affidavit maghmul mid-dirigenti tal-istess bank, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dokument M' u 'Dokument N'. Il-Bank rikorrent irnexxielu, nonostante s-suq hazin tal-lum, isib xerrej (cioe l-imsemmija socjeta Medway Marine Ltd) li hu ppreparat

ihallas is-somma ta' miljun ewro (€1,000,000) illi huwa oghla mill-oghla stima illi ghandu l-bank rikorrent. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta' miljun ewro (€1,000,000) huwa ragonevoli u attrajenti ferm fic-cirkostanzi u kwindi fl-interess ta' kulhadd inkluz il-kredituri illi din l-oppotunita ma tintilifx;

14. Illi ghalhekk fit-tmienja (8) ta' Marzu, sena elfejn u sittax (2016) intlahaq ftehim preliminari u cioe Memorandum of Agreement bejn il-Bank rikorrent u s-socjeta estera Medway Marine Ltd (hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument 0' animo ritirandii fejn is-socjeta estera Medway Marine Ltd intrabtet li tixtri l-bastiment de quo ghas-somma ta' miljun ewro (€1,000,000) taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim, inkluz il-kundizzjoni li l-bejgh ikun jista' jsir biss jekk jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' artikolu 358;

15. Illi skond klawsola 3 ta' dan l-istess Memorandum of Agreement, il-partijiet ftehmu illi Dr. Adrian Camilleri detentur tal-Karta ta' Identita Numru 350380M jigi proponiet lil dina l-Onorabbli Qorti ghall-finjiet ta' artikoli 362 u 363 tal-Kap.12 bhala l-persuna li tkun intitolata titrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, daqslikieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz tal-bastiment fil-Qorti fi zmien sebat (7) ijiem mid-data ta' meta l-bejgh jigi finalizzat;

16. Illi ai termini tal-artikolu 359 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kredituri illi jaf bihom ir-rikorrent nomine;

Ghaldaqstant ir-rikorrent nomine jitlob riverentament lill dina l-Onorabbli Qorti:

I. Tiddeciedi u tapprova ai termini tal-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-bejgh privat tal-bastiment ANAGENISI lis-socjeta estera Medway Marine Ltd ghas-somma ta' miljun ewro (€1,000,000) u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat tminja (8) ta' Marzu, sena elfejn u sittax (2016);

II. Tiddeciedi u tordna illi l-Av. Dott. Adrian Camilleri detentur tal-Karta tal-Identita Numru 350380M jigi mahtur bhala l-persuna nominata ai termini tal-artikolu 362 et seq. tal-Kap. 12 sabiex allura l-istess Av. Dott. A. Camilleri jitrasferixxi, daqslikieku kien hu s-sid, il-bastiment ANAGENISI lis-socjeta Medway Marine Ltd u dan taht dawk provedimenti u kundizzjonijiet illi dina l-Qorti jidhrilha xierqa u utili;

III. Tiddeciedi u tordna illi fin-nuqqas li dina l-Qorti ma tilqax d-domanda precedenti, tahtar minflok l-istess Av. Dott. Adrian Camilleri persuna ohra ghall-dawk l-istess finijiet.

Rat illi dan ir-rikors gie debitament notifikat lil bastiment intimat u lir-rapprezentant tas-sid f'Malta kif ukoll lil kredituri ohra;

Rat li ma saret ebda oppozizzjoni;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent ghandu kreditu naxxenti minn dejn dovut mis-socjeta Maltija Damsterdiep Shipping Company Ltd kawtelat permezz ta' mortgage cioe ipoteka navali irregistrat a favur il-Bank rikorrent fuq il-bastiment Malti 'ANAGENISI' bin-numru ta' registrazzjoni IMO9210701, proprjeta tal-istess socjeta, liema ipoteka hi awtentikata mir-registru tal-bastimenti datata 20 ta' Gunju 2013. Il-kreditu jirrizulta mill-facility agreement datat 8 ta' Jannar 2007 kif emendat fit-13 ta' Gunju 2013.

Id-debitur waqqaf hesrem il-hlas tal-pagamenti u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmi ftehim u fl14 ta' Ottubru 2014 is-socjeta debitrici cioe sid il-vapur giet notifikata bid-default.

B'ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 2015 notifikata lil bastiment u s-sid tieghu, il-bank interpella lil bastiment u lis-sid il-bastiment, is-socjeta Damsterdiep Shipping Company Ltd, biex jithallas l-ammont dovut izda baqa' inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 u l-artikolu 42 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta' ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma' esekuzzjoni ta' ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti u intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12 u li bl-ittra ufficjali fuq imsemmija rrenda t-titolu ezegwibbli.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur ANAGENISI proprjeta tas-socjeta debitrici Damsterdiep Shipping Company Ltd b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti tlett stimi indipendenti tal-valur tal-vapur cioe tal-Ing. Paul L. Cardona u l-Ing. Marcelo M. Chiazzaro; tas-socjeta Intershitra S&P; tal-Ing. Sergey Kuzmenko; kif ukoll ftehim datat 8 ta' Marzu 2016 bejn il-Bank rikorrent u x-xerrej is-socjeta Medway Marine Ltd ta' Marshall Islands u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi ta' miljun dollaru Amerikan (US$1,000,000) ekwivalenti f'ewro ghal madwar tmien mija tlieta u disghin elf, seba' mija sebgha u erbghin euro (€893,774); it-tieni stima hi ta' miljun u mitt elf dollaru Amerikan (US$1,100,000) ekwivalenti f'ewro ghal madwar disa' mija tlieta u tmenin elf, mija tnejn u hamsin ewro (€983,152); it-tielet stima hi ta' dollari Amerikani disa' mija u hamsin elf (US$950,000) ekwivalenti f'ewro ghal madwar tmien mija u hamsin elf mija disgha u erbghin euro (€850,149); u socjeta Medway Marine Ltd lesta thallas is-somma ta' miljun ewro (€1,000,000).

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta estera Medway Marine Ltd bil-valur ta' €1,000,000 skont Memorandum of Agreement tat-8 ta' Marzu 2016. Din l-offerta tissupera l-istimi indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija (ara Dok. J a fol. 145 u Dok. L a fol. 180 tal-process). In oltre gew prezentati offerti ohra maghmula ghall-istess vapur, fuq inizjattiva tal-bank kreditur li huma ferm inqas mill-offerta soggetta ghal Memorandum of Agreement (ara affidavits ta' M.J.S.J. Muller u P.L. De Jong, diretturi tal-bank kreditur).

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal-Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment ANAGENISI lis-socjeta estera Medway Marine Ltd bil-prezz ta' €1,000,000 skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement

datat 8 ta' Marzu 2016, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dott. Adrian Camilleri sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-8 ta' Marzu 2016 bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur